DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/597

tad-9 ta' April 2019

dwar l-istabbiliment ta' Grupp ta' Livell Għoli ta' Persuni Għorrief dwar l-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 240(2) tiegħu,

Billi:

(1) Hemm bżonn li ssir riflessjoni dwar l-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp. Għal dak il-għan, jenħtieġ li jiġi stabbilit Grupp ta' Livell Għoli ta' Persuni Għorrief dwar l-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp (il-"Grupp ta' Persuni Għorrief").

(2) Il-Grupp ta' Persuni Għorrief għandu jippreżenta lill-Kunsill rapport indipendenti li jagħti ħarsa lejn l-isfidi u l-opportunitajiet biex tittejjeb u tiġi razzjonalizzata l-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp kif ukoll lejn xenarji għall-evoluzzjoni tagħha f'konformità mal-objettivi tal-politika Ewropea, sabiex jinforma dwar ir-riflessjoni tal-Kunsill fuq dak is-suġġett,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Stabbiliment u kompitu

1. B'dan huwa stabbilit Grupp ta' Livell Għoli ta' Persuni Għorrief dwar l-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp (il-"Grupp ta' Persuni Għorrief") fil-qafas tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

2. Il-kompitu tal-Grupp ta' Persuni Għorrief għandu jkun li jippreżenta lill-Kunsill rapport indipendenti skont it-termini ta' referenza stabbiliti fl-Anness għal din id-Deċiżjoni. Il-Grupp ta' Persuni Għorrief huwa stabbilit sal-adempiment tal-mandat tiegħu kif definit fit-termini ta' referenza u f'konformità mal-limitu ta' żmien stabbilit fihom.

Artikolu 2

Membri

1. Is-Sur Thomas WIESER huwa b'dan maħtur President tal-Grupp ta' Persuni Għorrief.

2. Is-Sur José Antonio ALONSO, is-Sinjura Monique BARBUT, is-Sur Erik BERGLÖF, is-Sur Jacek DOMINIK, is-Sur Nanno D. KLEITERP, is-Sur Norbert KLOPPENBURG, is-Sur Franco PASSACANTANDO u s-Sinjura Susan ULBÆK huma b'dan maħtura membri tal-Grupp ta' Persuni Għorrief.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, id-9 ta' April 2019.

Għall-Kunsill

Il-President

G. CIAMBA

ANNESS

GRUPP TA' LIVELL GĦOLI TA' PERSUNI GĦORRIEF DWAR L-ARKITETTURA FINANZJARJA EWROPEA GĦALL-IŻVILUPP

TERMINI TA' REFERENZA

1. Il-Grupp ta' Persuni Għorrief

1.1 Kompożizzjoni

Il-Grupp ta' Persuni Għorrief għandu jkun magħmul minn sitta sa tmien esperti indipendenti u imparzjali. Huma għandhom jinħatru fuq il-bażi tal-kompetenza esperta u l-esperjenza professjonali u teknika fil-finanzi, l-iżvilupp u l-kuntest istituzzjonali rilevanti. Il-kompożizzjoni tal-Grupp ta' Persuni Għorrief għandha tqis l-bilanċ bejn is-sessi u dak ġeografiku. Hija għandha tirrifletti firxa wiesgħa ta' dawk il-kriterji u tqis id-diversità istituzzjonali fost l-Istati Membri. Malli jinħatru, il-President u l-membri tal-Grupp ta' Persuni Għorrief għandhom jiddikjaraw li m'għandhom l-ebda kunflitt ta' interessi u li huma indipendenti u imparzjali.

1.2 Għażla

Il-Kunsill għandu jaħtar lill-President u lill-membri tal-Grupp ta' Persuni Għorrief wara eżami tal-kandidati proposti mill-Coreper. Il-President għandu jkun responsabbli biex jipproponi grupp limitat ta' esperti, li jirrifletti l-prinċipji msemmija fil-punt 1.1. Qabel l-eżami mill-Coreper l-Istati Membri għandhom jingħataw il-curricula vitae komprensivi tal-kandidati proposti kollha.

1.3 Dispożizzjonijiet finanzjarji

Il-membri tal-Grupp ta' Persuni Għorrief li jkollhom jivvjaġġaw lil hinn mill-post ta' residenza tagħhom sabiex jaqdu d-dmirijiet tagħhom fi Brussell għandhom ikunu intitolati għal rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar tagħhom u għal *allowance* skont id-Deċiżjoni Nru 21/2009 tad-Deputat Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar ir-rimborż tal-ispejjeż tal-missjonijiet ta' persuni minbarra l-membri tal-persunal tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. L-ispiża korrispondenti għandha titħallas mill-Kunsill.

2. Kronoloġija

Ftit wara l-ħatra tiegħu, il-Grupp ta' Persuni Għorrief għandu jippreżenta l-programm ta' ħidma tiegħu lill-Coreper. Fi żmien tliet xhur mill-istabbiliment tiegħu, il-Grupp ta' Persuni Għorrief għandu jinforma lill-Coreper dwar l-istat attwali tal-ħidma tiegħu. Il-korpi rilevanti tal-Kunsill, inklużi l-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsillieri Finanzjarji, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Koordinazzjoni għall-Iżvilupp u l-Grupp ta' Ħidma Ad Hoc dwar l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali, għandhom, fuq talba, jiġu aġġornati b'mod regolari mill-Grupp ta' Persuni Għorrief.

Il-Grupp ta' Persuni Għorrief għandu jwassal ir-rapport finali lill-Kunsill sitt xhur wara l-ħatra tiegħu. L-għan tar-rapport u ta' kwalunkwe rakkomandazzjoni magħmula fit-twettiq tal-mandat tiegħu għandu jkun li jinforma u jassisti lill-Kunsill fid-diskussjonijiet u fit-teħid ta' deċiżjonijiet possibbli tiegħu. La r-rapport u lanqas kwalunkwe rakkomandazzjoni m'għandhom, taħt l-ebda ċirkostanza, jinftiehmu li jirrappreżentaw il-pożizzjoni tal-Kunsill, inkluż fir-rigward ta' proċeduri leġislattivi li jkunu għaddejjin. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar is-segwitu għar-rapport. Għandhom jiġu żgurati l-involviment u l-kooperazzjoni tal-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji u l-Kunsill Affarijiet Barranin (Żvilupp).

3. Mandat

Għall-finijiet ta' dawn it-termini ta' referenza, l-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp tinkludi l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ), u l-istrumenti finanzjarji mmaniġġati mill-Kummissjoni. Fl-analiżi tiegħu tal-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp, il-Grupp ta' Persuni Għorrief għandu jieħu perspettiva tas-sistema kollha.

Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-attivitajiet eżistenti u biex jiġu mħeġġa l-opportunitajiet għal aktar kooperazzjoni ma' atturi ewlenin oħrajn għall-iżvilupp, il-Grupp ta' Persuni Għorrief għandu, b'mod partikolari, jikkunsidra kif jimmassimizza l-valur miżjud tal-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp fil-kuntest varjat eżistenti tal-korpi nazzjonali rilevanti fl-Istati Membri, bħal istituzzjonijiet u aġenziji finanzjarji ta' żvilupp nazzjonali u korpi istituzzjonali internazzjonali u multilaterali, bħall-Bank ta' Żvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa jew il-Bank Dinji. Il-Grupp ta' Persuni Għorrief għandu jqis ukoll l-iżviluppi u l-ħtiġijiet ġenerali li tul iż-żmien sawru l-arkitettura finanzjarja globali għall-iżvilupp u kif l-arkitettura finanzjarja globali ġiet adattata għal dawk l-iżviluppi u l-ħtiġijiet.

Il-Grupp ta' Persuni Għorrief għandu jiddeskrivi l-isfidi u l-opportunitajiet għar-razzjonalizzazzjoni tal-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp, filwaqt li jittratta, b'mod partikolari, dwar ir-rwoli rispettivi tal-BEI u tal-BERŻ. Għandu jirrakkomanda xenarji għall-evoluzzjoni tal-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp, inklużi rakkomandazzjonijiet għal prijoritajiet u sekwenza ċari, filwaqt li jitqiesu l-ispejjeż assoċjati potenzjali, abbażi ta':

— valutazzjoni tal-kapaċità tal-arkitettura finanzjarja Ewropea attwali għall-iżvilupp biex ikun hemm ir-riżultati dwar il-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni għall-azzjoni esterna u l-iżvilupp, b'mod partikolari f'termini tal-impatt tal-iżvilupp, l-effettività, l-addizzjonalità, id-duplikazzjonijiet u l-valur għall-flus;

— analiżi tal-punti ta' saħħa u ta' dgħufija rispettivi tal-mandati u l-istrumenti tal-atturi kollha involuti, inklużi l-immaniġġar tar-riskju, il-governanza, il-parteċipazzjoni azzjonarja u strutturi ta' inċentivi tal-BEI u l-BERŻ;

— eżami tal-istrateġiji mressqa mill-BEI, il-BERŻ u l-Kummissjoni biex jiżviluppaw aktar il-mandati tagħhom bil-ħsieb li jtejbu l-iżvilupp tas-settur privat u s-self mill-Istat, inkluż, kif xieraq, fil-pajjiżi l-anqas żviluppati u fraġli.

4. Konsultazzjoni

Il-Grupp ta' Persuni Għorrief jista' jikkonsulta mal-istituzzjonijiet u l-korpi rilevanti tal-Unjoni, inklużi l-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u l-BEI, u mal-korpi istituzzjonali nazzjonali rilevanti fl-Istati Membri, bħal istituzzjonijiet u aġenziji finanzjarji ta' żvilupp nazzjonali. Huwa jista' jikkonsulta mal-BERŻ ukoll. Fejn meħtieġ, il-Grupp ta' Persuni Għorrief jista' jistieden entitajiet oħra, inkluż minn pajjiżi benefiċjarji, biex jipprovdu kontribut bil-miktub jew waqt il-laqgħat tiegħu.

Il-Grupp ta' Persuni Għorrief għandu jiżgura t-trasparenza fil-proċess ta' konsultazzjoni billi jelenka l-konsultazzjonijiet kollha fl-appendiċi għar-rapport tiegħu.

5. Segretarjat

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jkun responsabbli għas-segretarjat tal-Grupp ta' Persuni Għorrief. Għandu jipprovdi l-appoġġ amministrattiv meħtieġ biex jiġi żgurat il-funzjonament tal-Grupp ta' Persuni Għorrief, inkluż fir-rigward tal-pubblikazzjoni ta' dokumenti. L-ispejjeż korrispondenti, inklużi dawk marbuta mal-organizzazzjoni u l-laqgħat, għandhom jitħallsu mill-Kunsill.